



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15873/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0341 (NLE)

CORDROGUE 167
SAN 472
ENFOPOL 629

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 758 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar is-soġġezzjoni tas-sustanza psikoattiva l-ġdida N-(1-ammino-3-metil-1-ossobutan-2-yl)-1-(ċikloessilmetil)-1H-indażolu-3-karbossamid (AB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 758 final.

Mehmuż: COM(2017) 758 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2017
COM(2017) 758 final

2017/0341 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar is-soġġezzjoni tas-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3-metil-1-ossobutan-2-yl)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid (AB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi godda¹ tipprovdi għal proċedura ta' tliet passi li tista' twassal biex sustanza psikoattiva ġdida tiġi sottoposta għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni.

Fl-4 ta' Lulju 2017, ġie ppubblikat rapport konġunt taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA - European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction) u tal-Europol, imħejji f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI. Fil-15 ta' Settembru 2017, wara t-talba li saret mill-Kummissjoni u seba' Stati Membri u skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, il-Kunsill talab li ssir valutazzjoni tar-riskji kkawżati mill-użu, mill-manifattura u mit-traffikar tas-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3-metil-1-ossobutan-2-yl)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid (AB-CHMINACA), mill-involvement tal-kriminalità organizzata u mill-konsegwenzi possibbli tal-miżuri ta' kontroll introdotti għal din is-sustanza.

Ir-riskji ta' AB-CHMINACA ġew ivvalutati mill-Kumitat Xjentifiku tal-EMCDDA, li jaġixxi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2), (3) u (4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Ir-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju ġie ppreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fl-14 ta' Novembru 2017. Ir-riżultati ewlenin tal-valutazzjoni tar-riskju huma dawn li ġejjin:

- AB-CHMINACA hija kannabinoidi sintetika. Għandha effetti simili għal dawg tat-THC, li hija responsabbli għall-effetti psikoattivi ewlenin tal-kannabis, iżda b'tossiċità addizzjonali ta' theddida għall-ħajja. Il-potenza għolja tal-AB-CHMINACA flimkien mal-kontenut kbir u varjabbli tas-sustanza f'taħlitiet tat-tipjip jikkostitwixxu riskju għoli ta' avvelenament.
- Is-sustanza AB-CHMINACA ilha disponibbli fl-Unjoni Ewropea mill-inqas minn April 2014 u nstabat f'24 Stat Membru. Ġew irrapportati 31 każ ta' mewt assoċjati mal-AB-CHMINACA minn sitt Stati Membri. F'mill-inqas disa' każijiet ta' imwiet l-AB-CHMINACA kienet il-kawża tal-mewt jew x'aktarx li kkontribwixxiet għall-mewt.

Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI, fi żmien sitt ġimgħat mid-data li fiha tirċievi r-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju, il-Kummissjoni għandha tippreżenta inizjattiva lill-Kunsill biex is-sustanzi psikoattivi l-ġodda jiġu soġġetti għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni kollha, jew rapport li jispjega l-opinjoni tagħha dwar għaliex inizjattiva bħal din ma titqiesx meħtieġa. Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' April 2015 fil-Kawża Konġunti C-317/13 u C-679/13 il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat qabel ma att ibbażat fuq l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI jiġi adottat.

Abbażi tas-sejbiet tar-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju, il-Kummissjoni tqis li hemm raġunijiet biex is-sustanza tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni. Skont ir-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskji, it-tossiċità akuta tal-MDMB-CHMICA hija tali li tista' tikkawża ħsara kbira għas-saħħa tal-individwi.

¹ ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA

L-objettiv ta' din il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill huwa li l-Istati Membri jintalbu jissoġġettaw l-AB-CHMINACA għal miżuri ta' kontroll u għal pjeni kriminali, kif stipulat bil-leġislazzjoni tagħhom bis-saħħa tal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar is-soġġezzjoni tas-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3-metil-1-ossobutan-2-yl)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid (AB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda², u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew³,

Billi:

- (1) Tfassal rapport ta' valutazzjoni tar-riskji dwar is-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3-metil-1-ossobutan-2-yl)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid (AB-CHMINACA) b'mod konformi mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI minn sessjoni speċjali tal-Kumitat Xjentifiku estiż taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), li ġie ppreżentat sussegwentement lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fl-14 ta' Novembru 2017.
- (2) AB-CHMINACA hija kannabinojdi sintetika. Għandha effetti simili għal dawk tat-THC, li hija responsabbli għall-effetti psikoattivi kbar tal-kannabis, iżda b'tossiċità addizzjonali ta' theddida għall-ħajja. Il-potenza għolja tal-AB-CHMINACA flimkien mal-kontenut kbir u varjabbli tas-sustanza f'taħlitiet tat-tipjip jikkostitwixxu riskju għoli ta' avvelenament.
- (3) L-AB-CHMINACA ilha disponibbli fl-Unjoni mill-inqas minn April 2014 u nstabet f'24 Stat Membru. Minħabba n-natura tal-AB-CHMINACA, x'aktarx li d-detezzjonijiet ma jiġux irrapportati biżżejjed billi s-sustanza ma tiġix skrinjata permezz ta' rutina. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, is-sustanza ġiet issekwestrata bħala materjal veġetali / tal-pjanti, iżda ġiet issekwestrata wkoll f'forma ta' trab u fuq livell aktar limitat, f'forom fiżiċi oħrajn (pereż. bħala likwidu u bħala prodott assorbent). Aktar minn 4 600 sekwestru ġew irrapportati madwar l-Unjoni Ewropea.
- (4) Ġew irrapportati 31 każ ta' mewt assoċjati mal-AB-CHMINACA minn sitt Stati Membri. F'mill-inqas disa' każijiet ta' imwiet l-AB-CHMINACA kienet il-kawża tal-mewt jew x'aktarx li kkontribwixxiet għall-mewt. Barra minn hekk, seba' każijiet mhux fatali ta' intossikazzjoni akuta assoċjati mal-AB-CHMINACA kienu rrapportati minn erba' Stati Membri. Minħabba n-natura tal-AB-CHMINACA, kemm il-każijiet

² ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.

³ ĠU C , , p. .

ta' intossikazzjonijiet mhux fatali kif ukoll dawk ta' mwiet x'aktarx li mhumieq detetti biżżejjed u lanqas ma huma rrapportati biżżejjed.

- (5) Ma hemm l-ebda informazzjoni speċifika dwar l-involviment tal-kriminalità organizzata fil-manifattura, fid-distribuzzjoni (it-traffikar) u fil-forniment tal-AB-CHMINACA madwar l-Unjoni. Id-dejta disponibbli tissuġġerixxi li l-AB-CHMINACA hija prodotta minn kumpaniji kimiċi bbażati fiċ-Ċina.
- (6) L-AB-CHMINACA tipikament tinbiegħ f'ammonti żgħar u ta' bejgħ bl-ingrossa magħrufa bħala “drogi legali” f'forma ta' taħlitiet tat-tipjip u bħala trab f'headshops, kif ukoll fuq l-internet bħala sostituzzjoni “legali” għall-kannabis. Tista' tinbiegħ ukoll direttament fis-suq tad-drogi illeċiti. Minħabba li dawn il-prodotti rarament jesponu l-ingredjenti tagħhom, il-parti l-kbira tal-utenti ma tkunx konxja li qed tuża kanabinojdi sintetiċi iġenerali u b'mod partikolari fil-każ tal-AB-CHMINACA.
- (7) L-AB-CHMINACA ma għandha l-ebda użu mediku għall-bniedem jew veterinarju rikonoxxut fl-Unjoni u lanqas, mid-dehra barra mill-Unjoni. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-AB-CHMINACA tista' tintuża għal xi skop ieħor minbarra bħala standard analitiku ta' referenza u fir-riċerka xjentifika.
- (8) Ir-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju juri li bosta mistoqsijiet relatati mal-AB-CHMINACA li wieħed isaqsu minħabba n-nuqqas ta' dejta dwar ir-riskji għas-saħħa individwali, ir-riskji għas-saħħa pubblika, u r-riskji soċjali, jistgħu jitwiegħbu permezz ta' iktar riċerka. Madankollu, l-evidenza u l-informazzjoni disponibbli dwar ir-riskji għas-saħħa u dawk soċjali li toħloq is-sustanza jipprovdu raġunijiet suffiċjenti biex l-AB-CHMINACA tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni kollha.
- (9) L-AB-CHMINACA mhijiex elenkata għall-kontroll skont il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1961 dwar id-Drogi Narkotiċi jew skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1971 dwar Sustanzi Psikotropiċi. Is-sustanza bħalissa qed tiġi vvalutata mis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u ġiet rieżaminata waqt it-39 laqgħa tal-Kumitat tal-Esperti tal-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (ECDD) li saret mis-6 sal-10 ta' Novembru 2017 f'Ġinevra. Dan ma jipprekludix li l-Unjoni tiegħu deċiżjoni biex tissoġġetta s-sustanza għal miżuri ta' kontroll.
- (10) Billi l-kontroll tal-AB-CHMINACA fi 18-il Stat Membru jaqa' taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-kontroll tad-drogi filwaqt li l-kontroll fi tliet Stati Membri jaqa' taħt leġiżlazzjoni oħra, il-fatt li din is-sustanza tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni kollha jgħin biex jiġi evitat li jfeġġu ostakli fl-infurzar tal-liġi u fil-kooperazzjoni għidizzjarja transfruntieri, u jgħin fil-protezzjoni mir-riskji li d-disponibbiltà u l-użu tagħha jistgħu joħolqu.
- (11) Id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI tikkonferixxi setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill bil-ħsieb li jkun hemm reazzjoni rapida u bbażata fuq kompetenza esperta fil-livell tal-Unjoni fil-każ li jfiġġu sustanzi psikoattivi ġodda individwali u rrapportati mill-Istati Membri, billi tissoġġetta dawk is-sustanzi għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni kollha. Billi l-kondizzjonijiet u l-proċedura biex jiġi attivat l-eżerċizzju ta' tali setgħat ta' implimentazzjoni ġew issodisfati, jenħteġ li tiġi adottata deċiżjoni ta' implimentazzjoni sabiex l-AB-CHMINACA tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni kollha.
- (12) Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (13) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

- (14) Ir-Renju Unit mhuwiex marbut bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk mhuwiex qed jiehū sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3-metil-1-ossobutan-2-yl)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid (AB-CHMINACA), għandha tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni.

Artikolu 2

Sa *[mhux aktar tard minn sena mid-data li fiha tiġi ppubblikata din id-Deċiżjoni]* l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, biex is-sustanza psikoattiva l-ġdida msemmija fl-Artikolu 1 tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll u għal pjeni kriminali, kif previst fil-leġislazzjoni tagħhom, b'mod konformi mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1971 dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika b'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President